TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 403/11/GB

**Vincent A. Galea**

**vs**

**Hamilton Travel Co. Ltd. pro et noe**

Illum 17 ta' April 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tliet elef u hames mitt Ewro (€3,500.00), li minnhom l-ammont ta' disgha mija disgha u disghin Ewro (€999.00) huma rapprezentanti danni reali filwaqt li l-ammont ta' elfejn hames mija u wiehed Ewro (€2,501.00) huma rapprezentanti danni morali, l-ammont kollu rapprezentanti incident li r-rikorrent sofra waqt cruise li kien ibbukja minghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Hu u l-mara tieghu kienu bbukjaw cruise fuq l-MSC Splendida minghand is-socjeta' ntimata. Il-cruise kien mill-21 sa t-28 ta' Lulju 2010.

Fil-25 ta' Lulju 2010, ir-rikorrent flimkien mal-mara tieghu kienu fuq deck 15 mar-railings ma' mijiet ohra ta' pasiggieri, wiehed hdejn l-iehor, iharsu 'l barra jaraw il-cruiseliner hiereg mill-port ta' Marsilja. Wara ftit minuti (bejn hames/ghaxar minuti) li l-cruiseliner inqala' minn mal-

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

moll u waqt li l-cruiseliner kien ghadu fil-port ta' Marsilja, kemm ir-rikorrent kif ukoll martu separatament qalghu daqqa qawwija fuq rashom li sabbtithom minn tulhom fuq id-deck u soffrew griehi varji. Huma qalghu d-daqqa minn zewg deckbeds li kienu qed itiru f'gholi ta' hames/sitt piedi 'l barra minn mar-railings tal-cruiseliner. L-ewwel ma ntlaqat kien ir-rikorrent u spicca minxur minn tulu fuq id-deck. Kif martu ratu, hija hadet qata kbira u f'dak il-mument dawwret rasha ftit la genba u qalat daqqa fuq genb rasha minn deckbed ohra li kienet taret. Id-daqqa sabtitha minn tulha fuq id-deck. Kien biss il-fatt li kienet dawwret rasha biex thares lejn zewgha li salvetilha hajjitha, ghaliex kieku kienet tintlaqat f'rasha u bi sfregju shih f'wiccha.

Mnejn giet id-deckbed illi laqtithom ma jafx, pero' dak il-hin li kien fl-art huwa ra deckbeds ohra jtiru bir-rih. Irrealizza illi mijiet ta' deckbeds thallew mitluqa kif gie gie, miftuhin u mdawwrin wicchom 'l isfel, mhux marbuta jew b'xi mod secured. Bir-rih dawn bdew jinqatghu minn mad-deck u jibdew itiru minghajr ebda kontroll. Ir-rikorrent kien intlaqat minn wahda minnhom fuq rasu u haddejh. Inqala' pandemonju shih, bil-passiggieri jigru ghall-kenn, waqt li xi passiggieri ohra u l-membri tal-crew li nzertaw hemm, bdew jaqbzu fuq id-deckbeds biex izommuhom 'l isfel halli ma jtirux u jweggghu aktar nies.

Dan l-incident hassar il-cruise ghar-rikorrent u ghal martu u kkawzalhom ugiegh kbir, kemm waqt il-cruise, kif ukoll ghal xhur wara.

Ir-rikorrent jattribwixxi dan l-incident ghal negligenza grossolana u nuqqas ta' osservanza ta' 'safety measures' li l-amministrazzjoni ta' MSC Splendida kien misshom hadu biex jassiguraw is-'safety' tal-passiggieri. Ghall-kuntrarju, huma naqqsu mill-obbligu taghhom dwar is-'safety' u fil-fatt f'dak il-hin li gara l-incident, kienu hallew mijiet ta' deckbeds imdawwrin wicchom 'l isfel, miftuhin u mitluqin kif gie gie. Dawn ma kienux marbuta jew b'xi mod 'secured' biex ma jtirux mal-ewwel buffura rih, kif fil-fatt gara.

Kif ir-rikorrent u martu gew lura Malta, kitbu lis-socjeta' ntimata, fejn informawha b'dak li kien gralhom u talbuha kumpens adekwat, pero' ma wasslux ghal ftehim bonarju u ghalhekk, ir-rikorrent kellu jibda din il-procedura. Ghaddiet korrispondenza bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent qieghed jitlob kumpens adekwat bhala danni ghal dak li gralha u dak li soffriet. Qieghed jillimita t-talba taghha f'din il-procedura ghall-kumpens massimu li tipprovdi l-ligi rilevanti, skond Kap.378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent ezebixxa ittra datata 29 ta' Lulju 2010 (Dok.A), ittra datata 4 ta' Awissu 2010 (Dok.B), ittra datata 9 ta' Awissu 2010 (Dok.C), ittra datata 12 ta' Awissu 2010 (Dok.D), ittra datata 17 ta' Awissu (Dok.E), ittra datata 28 ta' Settembru 2010 (Dok.F), diversi emails (Dok.G), ittra datata 22 ta' Ottubru 2010 (Dok.H), ittra datata 26 ta' Novembru 2010 (Dok.I), ittra datata 20 ta' Dicembru 2010 (Dok.J), ittra datata 6 ta' Jannar 2011 (Dok.K), ittra datata 21 ta' Marzu 2011 (Dok.L), ittra datata 12 ta' April 2011 (Dok.M), ittra datata 12 ta' Mejju 2011 (Dok.N), email datata 17 ta' Mejju 2011 (Dok.O), ittra datata 22 ta' Mejju 2011 (Dok.P), email datata 31

ta' Mejju 2011 (Dok.Q), email datata 20 ta' Gunju 2011 (Dok.R), kopja ta' xi pagni mill-cruise ticket (Dok.S).

**Is-socjeta' ntimata, Hamilton Travel Co.Ltd., f'isimha propju ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Hamilton Travel Co. Ltd ghandha tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju billi m'ghandhiex tkun hi skond il-Ligi li twieged ghat-talba attrici.

2. Salv linji difensjonali ulterjuri.

**Is-socjeta' ntimata bhala agent ta' MSC Crociere S.A. ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Is-socjeta' eccipjenti m'ghandha ggorr l-ebda htija u per konsegwenza m'ghandha thallas l-ebda danni lir-rikorrenti.

2. Illi dak li sehh kien rizultat ta' force majeur li dwaru s-socjeta' eccipjenti ma kellha ebda kontroll.

3. Illi in ogni caso u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat mir-rikorrenti bhala danni huwa wiehed esagerat.

4. Salv linji difensjonali ulterjuri.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa ittra datata 29 ta' Lulju 2010, li giet immarkata bhala Dok.HT1; kopja tal-'passenger injury statement', li giet immarkata bhala Dok.HT2; affidavit tar-rikorrent u ta' martu, flimkien ma' dokumentazzjoni iehor relattiv.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet affidavit ta' Norman E. Grech; flimkien ma' kopja tal-korrispondenza f'ordni kronologika in konnessjoni mal-mertu tal-proceduri, li gew immarkati minn Dok.NG1 sa Dok.NG51.

It-Tribunal jinnota l-offerta li saret da parte tas-socjeta' ntimata, fejn hija offriet li jekk ir-rikorrent u martu jmorru cruise ta' l-istess tip, wiehed minnhom imur b'xejn, pero' r-rikorrent

qatt ma wiegeb ghal tali offerta. It-Tribunal jinnota wkoll illi, meta regghat saret din l-offerta' da parte tas-socjeta' ntimata, seduta stante, ir-rikorrent ma accettax.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jibda billi jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' ntimata Hamilton Travel Co. Limited f'isimha propju u b'hekk jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju, pero' jikkummenta fuq ir-responsabbilita' ta' agent lokali fl-esekuzzjoni tal-kuntratt, fejn jekk meta jsehh xi incident jew nuqqas, socjeta' estera tkun rapprezentata hawn Malta minn agent lokali, u dik is-socjeta' estera tkun responsabbli ghal dak l-incident jew nuqqas, allura l-agent lokali jibqa' responsabbli ghall-konsegwenzi. It-Tribunal ikompli biex jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid jaqla' lira minn fuq dar haddiehor. Dana qed jinghad tenut kont tal-fatt illi nonostante l-incident li sehh – liema incident it-Tribunal huwa konvint, hekk skond il-provi prodotti, li kien wiehed ikkawzat minn negligenza kolpevoli u mhux kaz fejn wiehed jista' jistrieh unikament fuq l-element tal-force majeur - l-incident in kwistjoni sehh fil-hames gurnata tal-vjagg, u cioe' wara li r-rikorrent kien sodisfatt b'iktar minn nofs il-vaganza li kien hallas ghaliha. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent in parte, stante t-talba esagerata da parte ta' l-istess, u jordna lis-socjeta' ntimata Hamilton Travel Co. Limited bhala agent ta' MSC Crociere S.A. thallas l-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300.00) lir-rikorrent rapprezentanti danni reali, u tordna wkoll lis-socjeta' ntimata Hamilton Travel Co. Limited bhala agent ta' MSC Crociere S.A. thallas danni morali lir-rikorrent, fil-massimu permess mill-Ligi, u cioe' l-ammont ta' sebgha mija u hamsin Ewro (€750.00), bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**